# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 49 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**Mistiedna:**

| | |
|---|---|
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (dahlet ghat-7.50) |

**49/01 Talba**

49/01/01 Il-laqgħa bdiet fil-6.07 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**49/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 48.**

49/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 48/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 48/06.

**49/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 48**

49/03/01 **Para 48/03/01**:- Is-SE infurmat li *l-binding* tal-Minuti tas-Sena 2013 għadu ma sarx. Il-Kunsill innota li dan il-*binding* issa ilu pendent diversi gimgħat u hemm bżonn li jsir kemm jista' jkun malajr.

49/03/02 **Para 48/03/02**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE kienet kitbet lid-Dipartiment għal Gvern Lokali (DGL) fejn talbet għall-approvazzjoni ta' estenzjoni tal-iskema. Id-DGL approva estenzjoni sa Ġunju 2014. Is-SE ħarġet is-sejħa ta' dan it-*tender* urgenti l-ġimgha li għaddiet u din se tagħlaq fit-18 ta' Marzu 2014. Il-Kunsill unanimament approva li dan it-*tender* jinfetaħ fit-18 ta' Marzu 2014.

49/03/03 **Para 48/03/03**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-qari tal-*meters* tad-dawl u tal-ilma intbgħatu pero jonqos li ssir l-formola tal-ARMS. Jonqos ukoll li tiġi provduta evidenza li nħarġet polza tas-sigurta' skont il-ftehim. Is-SE intalbet issegwi. Is-S.E. infurmat li l-pagament lid-Dipartiment tal-Artijiet li jkopri s-sehem tagħhom mill-kera li inġabret ntbgħatet flimkien mal-kopja tal-ftehim u kopja tal-ftehim intbgħatet ukoll lid-DGL. Is-SE intalbet tikteb lis-sid tal-għalqa ta' ħdejn it-Torri sabiex jerġa' jittella' l-ħajt tas-sejjieħ peress li qiegħed jagħmel ħsara lit-Torri.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

49/03/04 **Para 48/03/04**:- **Ġnien il-Paċi** – Is-Sindku flimkien mas-SE marru l-MEPA sabiex jiġbru l-pagament li jkopri s-sehem tal-MEPA mill-UIF. Is-SE qed issegwi ċ-ċertifikazzjoni mill-Ingineer dwar ir-rota tal-*activity area*. Ġie unanimament approvat li kif il-Kunsill jirċievi dan iċ-ċertifikat, jinħareg il-pagament lill-Kuntrattur.

49/03/05 **Para 48/03/05**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Grech bgħat l-aħħar kont u s-SE għandha timla l-formoli rispettivi ħalli tgħaddihom lill-*Paying Agency*. Is-SE għandha titlob lill-Perit Grech sabiex jibgħat *update* dwar id-*disbursements* matul din is-sena u dwar id-data għat-tlestija ta' dan il-proġett. Is-SE infurmat li s-sejħa għax-xiri tal-bankijiet u *bins* inħarget u tgħalaq fit 18 ta' Marzu 2014, filwaqt li l-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works* għadha pendenti. Is-SE qed tistenna ukoll mingħand il-kuntrattur sabiex iġib kampjun tal-ġebla tal-pavimentar u stima għall-pavimentar tal-passaġġ ta' wara l-Ġnien. Is-SE intalbet tkompli issegwi.

49/03/06 **Para 48/03/06**:- **Triq San Gwann**: Is-Sindku infurma lill-Kunsill li t-Transport Malta (TM) kienu waħħlu *bollards* fi Triq San Ġwann. Tlieta minn dawn il-*bollards* diġa' tkissru. Is-SE intalbet tinforma lit-TM dwar dan u titlob sabiex isiru ukoll *cat eyes* mal-ġnub tat-triq ħalli jindikaw aħjar it-triq

49/03/07 **Para 48/03/07**:- **Laqgħa mas-CEO tal-Green MT** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-pagament għadu ma wasalx mingħand *Green MT* u hija bgħatet ħafna *reminders*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-provista tal-boroz il-grizi wasslet fl-aħħar. Is-Sindku talab lis-SE biex tagħmel laqgħa mas-CEO kemm jista' jkun malajr. Is-Sindku reġa ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart imħallat se jagħlaq f'Marzu 2014. Huwa talab lis-SE sabiex tfittex toħroġ is-sejħa għall-offerti immedjatament. Is-SE infurmat lil-Kunsill li hija qeghda taħdem fuq dan it-*tender*.

49/03/08 **Para 48/03/08**:- **Triq Indipendenza** ***:*** Is-SE infurmat lill-Kunsill li bagħtet *reminder* lil TM dwar din it-Triq.

49/03/09 **Para 48/03/09**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li ghad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-kuntrattur dwar id-*diesel* ħalli jkun jista' joħroġ il-pagament. Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol issa ilu pendent diversi xhur u hemm bżonn li jiġi konkluz malajr.

49/03/10 **Para 48/03/10**:- **Festival tal-Ħalib 2014** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa attenda għall-prezentazzjoni tal-fondi għall-attivitajiet fl-lokalitajiet fejn il-Kunsill ġie infurmat li ser jingħata €2000 għall-attivita' tal-Milkfest. Il-Kunsill unanimament qabel li għal dan il-festival il-Kunsill joħroġ €3,000 oħra sabiex b'hekk il-kontribuzzjoni tal-Kunsill tkun ta' €5,000. Is-SE intalbet tagħmel appuntament mar-rappreżentant tas-Segretarjat tal-Ambjent ħalli jiddiskutu din l-attivita' u jaraw jekk il-Gvern hux ser jgħin kif għamel fis-snin ta' qabel.

49/03/11 **Para 48/03/11:- Kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema*:*** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa u l-Kunsillier Alfred Muscat tkellmu mal-ħaddiema dwar il-kuntratt tax-xogħol tagħhom u kkonfermaw li huma jixtiequ jaħdmu 40 siegħa mifruxa min-Tnejn sal-Ġimgħa u s-Sibt jitħallsu bir-rata tal-*overtime*. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' din it-talba u fiċ-ċirkustanzi iddeċieda li jiġi rrevedut il-ħin tal-ftuħ tal-uffiċċju sabiex ir-residenti jingħataw servizz aħjar. Il-ħinijiet il-ġodda li ġew approvati huma:- Mill- l ta' Settembru sa 31 ta' Lulju – mit-Tnejn sal-Ġimgħa l-uffiċċju jinfetaħ fit-8.00 am sas-

1.00pm u bejn is-2.30pm sal-4.00 pm. F'Awissu l-uffiċċju jinfetaħ mit-8.00 am sas-1.00 pm. Is-Sibtijiet matul is-sena kollha l-uffiċċju jkun miftuħ bejn it-8.00 am u l-11.00 am. Is-SE infurmat li l-Kuntratti tax-Xogħol tal-ħaddiema gew iffirmati. Huma se jaħdmu mit-7.45 am sa 4.30 pm matul il-gimgha u mit 7.45 sal 11.30 am nhar ta' Sibt u f'Awissu jahdmu sas-1.30 pm. Ġie deċiż li jinħargu avvizi lir-residenti bil-ħinijiet il-ġodda kif ukoll isiru avvizi fuq in-*notice boards* u fuq il-*website* tal-Kunsill.

49/03/12 **Para 48/03/12 :-** Is-SE infurmat li għad trid isegwi l-gwidi tal-*Paying Agency* rigward it-tabella meħtieġa għall-Ġnien il-Ponta u toħroġ il-*works order*. Il-Kunsill ħeġġeġ sabiex dan ix-xogħol jitlesta kemm jista' jkun malajr.

49/03/13 **Para 48/03/13**:- **Laqgħa mal-Ministru tat-Trasport**. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra lil TM u lill-Ministru Onor J. Mizzi dwar it-Trasport Pubbliku kienet inbagħtet.

49/03/14 **Para 48/03/14:- Sejħiet għall-Offerti**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għas-servizz tal-*Live Streaming* u għal-ġbir tal-iskart goff (*Collection of Bulky Refuse*) jagħlqu fit-28 ta' Frar 2014 f'nofsinhar. Il-Kunsill unanimament approva li l-Kunsilliera s-Sur Alfred Muscat u s-Sur Vincent Galea ikunu preżenti għal-ftuħ ta' dawn it-*Tenders* flimkien mas-SE. Peress li s-servizz tal-*Live Streaming* irid ikun lest sal-aħħar ta' Marzu 2014 is-SE intalbet sabiex issegwi mill-qrib.

49/03/15 **Para 48/03/15:- Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv:** Is-SE infurmat li hija bgħatet il-*Performance Appraisal Report* tas-SE u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill rigward il-ħlas tal-*Performance Bonus* għall-perjodu bejn it-18 ta' Ġunju 2013 u 31 ta' Diċembru 2013 lid-Direttur tal-DGL għall-approvazzjoni.

49/03/16 **Para 48/03/16**:- **Żbir tas-siġar fi Ġnien il-Paċi** – Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li hu iltaqgha mar-rapprezentant tal-ELC imma dan ix-xogħol jista' jitwettaq meta jiġi mitfi d-dawl mill-Enemalta peress li s-siġar qed imissu mal-*cables* tad-dawl. Sadanittant is-SE tkellmet mal-Kap tal-Iskola Primarja fejn qalet li se tieħu ħsieb li tinżabar is-siġra tal-Palm li qed twaqqa' l-friegħi fi Ġnien il-Paċi.

49/03/17 **Para 48/03/18 :- - Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-TM sabiex issir *traffic hump* fi Triq il-Kbira quddiem il-Kappella.

49/03/18 **Para 48/03/19**:- Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*works order* sabiex teħel bozza ġdida fi Triq Sta Marija taż-Żellieqa inħarġet.

49/03/19 **Para 48/03/24 :- Plakek ħdejn postijiet storiċi:** Is-SE ipprezżntat stima mingħand B Grima & Sons sabiex isiru dawn il-plakek. Il-Kunsill talab li jiġi provdut disinn ta' dawn il-plakek. Il-Vici Sindku ser jieħu ħsieb jiġbor id-dettalji li ser jidhru fuq dawn il-plakek.

49/03/20 **Para 48/03/25 Kuncert Muzikali.** Is-SE infurmat li għad trid tirranġa appuntament mal-President tas-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew.

49/03/21 **Para 48/04/01 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**: Is-SE infurmat li għad trid tirranġa appuntament mal-*Accountant* tal-Kunsill *D. Consulta Ltd.*

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

49/03/22 **Para 48/05/07 Sigra fil-Pjazza**: Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li hu kien kellem lis-sid tad-dar ta' fejn hemm is-siġra u din ikkonfermatlu kif kienet diġa ikkonfermat lill-Kunsillier Alfred Muscat li s-siġra fejn qeda mhux iddejjaqha u tixtieqa tibqa' hemm. Jidher li din l-allegazzjoni saret minn terzi persuni u hi mingħajr bażi. Il-Kunsill unanimament qabel li fiċ-ċirkustanzi ma jsir xejn aktar.

49/03/23 **Para 48/05/08** Il-Viċi Sindku nforma li għħd fadal *culverts* li jridu jitnaddfu fi Triq Fidel Zarb. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ħaddiema ma rnexxielhomx jiftħu wiehed mill-*culverts*. Sadanittant qed isir xogħol fuq il-bankijiet tal-Pjazza u qtugħ tal-ħaxix. Ġie deċiż ukoll li jinżebgħu l-*bollards* u jsir *patching* fejn hemm bżonn. Ġie approvat li jixtraw boroz tal-IRR sabiex ikun jista' jsir il-*patching*. Il-Kunsillier Fenech informa li Triq Għaxqet l-Għajn mhux qed titnaddaf kif suppost. Is-SE intalbet sabiex issegwi dawn ix-xogħolijiet.

49/03/24 **Para 48/06/02 Korrispondenza dwar *Vote 16* u l-Ambaxxaturi Lokali**: Il-Kunsill ircieva applikazzjoni waħda mingħand zgazugħa – Ms Rebecca Chircop - li uriet l-interess tagħha li sservi bħala Ambaxxattriċi taż-Zgħażagħ fuq il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill unanimament approva l-ħatra tas-Sinj Rebecca Chircop bħala l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. Is-SE intalbet tagħmel kuntatt mas Sinj Chircop. Is-Sinj Chircop aċċettat in-nomina u ġiet mistiedna sabiex tiltaqa' mal-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill. Is-SE intalbet sabiex tibgħat il-korrispondenza li hemm bżonn ħalli l-ħatra ta' Ms Rebecca Chircop tiġi approvata mid-DGL.

49/03/25 **Para 48/06/03 Korrispondenza dwar Taħriġ fil-*Computers* mill-MCA**. Il-Kunsill irċieva iżjed dokumentazzjoni dwar dan il-Kors u anka *poster* biex jiġi rriklamat fuq il-*website* u *notice boards* tal-lokalita'.

49/03/26 **Para 48/06/17 Memo 6/2014 dwar il-Ħaddiema tal-IPSL, ex-WSC u tal-iskemi tal-ETC fil-Kunsilli Lokali.** Is-SE nfurmat lill-Kunsill li l-ANSEK kitbet lid-Direttur tad-DGL fejn talbu li għalissa dawn ir-rapporti ma jsirux. Is-SE għadha ma rċevietx direzzjoni dwar x'ser jsir.

49/03/27 **Para 48/07/02** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratti mal-ELC u tal-Koptasin ġew iffirmati miż-żewġ naħat u estizi għal sena oħra.

**49/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

49/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*.

**49/05 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-Sena 2014.**

49/05/01 Il-Kunsill unanimament approva l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2014. Kopja ta' dawn l-Estimi ser tintbagħat lid-DLG. Kopja ser tittellgħa fuq il-*websites* tal-Kunsill kif ukoll tintbagħat lill-Kunsillieri bl-*email*.

49/05/02 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibda taħdem fuq il-*Business Plan* għaliex dawn suppost li tlesta f'Jannar.

**49/06 Ilmenti u Suggerimenti**

49/06/01 **Talba nru 18114057206403** Talba sabiex isir xi ħaga fi Triq il-Ġnien, Triq Għaxqet l-Għajn u Triq Dun Karm Fenech għaliex qegħdin perikoluzi peress li l karozzi qegħdin jgħaddu b velocita qawwija. Il-Kunsill innota li f'dawn it-toroq diġa' hemm tabelli u sinjali tat-traffiku, *traffic humps* etc. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi jitlob direzzjoni mingħand TM ta' x'miżuri aktar jistgħu jittieħdu sabiex jinqatgħu dawn l-abbuzi.

49/06/02 **Talba nru 18114039206300** Talba biex ikun hemm iktar *bins* tal-klieb fiż-żona tax-Xwieki. Il-Kunsill innota li f'din iż-żona diġa' hemm 2 *bins* u ħafna drabi ikunu vojta għaliex ma jintużawx u dan juri li r-residenti mhux qed jiġbru l-ħmieġ tal-kelb tagħhom. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li hemm bżonn li jitwaħħlu aktar bins iżda iddeċieda li jitlob lil *Eco Wardens* sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

49/06/03 **Talba nru 18114004206238** Talba sabiex isiru *parking bays* sofor fi Triq Dimitriju Farrugia quddiem il-garaxxijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru dawn il-*parking bays.*

49/06/04 **Talba nru 18114068206701** Talba sabiex jiġi ipprojbit l-ipparkjar ta' vetturi faċċata ta' garaxx fi Triq Zgħaruna għaliex is-sid qed jgħid li ma jkunx jista' joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx. Il-Kunsill hu tal-fehma li l-wisa' tat-triq jippermetti li jkun hemm vetturi ipparkjati mingħajr ma jostokolaw il-ħruġ tal-vetturi mill-garaxxijiet fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsill unanimament qabel li jinvestiga aktar.

49/06/05 **Talba nru 18114095206702** Talba sabiex isiru 2 *parking bays* fi Triq Indipendenza għaliex qed jipparkja van twil. Il-Kunsill unanimament iħoss li din it-talba mhux ġustifikata għaliex skont ir-ritratti jidher ċar li l-*van* hu ipparkjat fejn ma hemm ebda restrizzjoni għall-ipparkjar tal-vetturi u ladarba għandu liċenzja valida għandu kull dritt ikun ipparkjat bħal vetturi oħra.

49/06/06 **Talba nru 18114054206818** Talba sabiex kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq Dun Salvatore Zarb titkabbar għaliex il-vettura tal-ġar ta' sid il-garaxx qed jipparkja b'tali mod li jiġu quddiem il-garaxx. Il-Kunsill innota li din il-kaxxa s-safra hi skont il-qisien *standard*. Jekk titkabbar il-kaxxa ma hemm ebda garanzija li min qed jipparkja b'mod abbusiv mhux ser ikompli jagħmel hekk. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li min għamel l-ilment għandu jiġi avżat li meta jkun hemm ksur tal-liġi għandu jitlob l-assistenza tal-Pulizija.

49/06/07 **Talba nru 18114048206471** Talba sabiex jiġi ipprojbit *il-parking* fi Triq il-Kbira għaliex vetturi qed jipparkjaw fuq *traffic hump*. Il-Kunsill innota li fuq *traffic hump* mhux suppost li jsir *parking*. Il-Kunsill unanimament qabel li tinkiseb aktar informazzjoni dwar din it-talba.

49/06/08 **Talba nru 18114076206849** Talba sabiex isiru *double yellow lines* fid-daħla ta' Sqaq ir-Rużarju għaliex vetturi qed jipparkjaw b'mod abbusiv u jgħalqu l-aċċess għall-isqaq kif

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

ukoll jostakolaw l-aċċess għal garaxx ta' resident. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru dawn il-*lines*.

49/06/09 Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li hu kellhu talba sabiex fi Triq l-Oratorju jitħalla jsir ipparkjar ta' vetturi fuq iz-zewġt naħiet tat-triq. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba għaliex il-wisa' tat-triq ma jippermettix li jsir dan.

49/06/10 Il-Kunsillier Fenech issuggerixxa li titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza. Il-Kunsill unanimament approva li ssir din il-bozza. Is-SE intalbet tikteb lill-Enemalta sabiex jinkiseb il-permess.

49/06/11 Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li kellhu talba sabiex jinbena ħajt fi ġnien li jifforma parti minn blokka ta' appartamenti tal-Gvern. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li tintlaqa din it-talba għaliex jekk il-ġnien għadu propjeta' tal-Gvern ix-xogħol irid isir mil-Awtorita' tad-Djar.

49/06/12 Il-Kunsillier Vincent Galea informa lill-Kunsill li l-Professur Sammut issuġġerixxa li jsiru sezzjonijiet tal-qari fix-xelter ta' Triq Ferdinand għar-residenti. Il-Professur Sammut qal li hu lest li jibda' jorganizza dawn is-sezzjonijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' din it-talba. Jekk il-Professur isib li x-xelter mhux addattat il-Kunsill lest li joffri s-*Searchlight Battery*.

**49/07 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

49/07/01 Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet ġodda.

49/07/02 Stima dwar *signs*.

49/07/03 Korrispondenza mid-DGL dwar Memo 45/2012: Inizjattivi Speċjali.

49/07/04 Cirkulari AGL Cirk 12/2014-Laqgħa għas-Sindki-21 u 22 ta Marzu 2014-Lukanda Dolmen il-Qawra. Il-Kunsill bgħatt il-pagament dovut sabiex jattendi s-Sindku għal din il-laqgħa.

49/07/05 Korrispondenza mis-*Secretary Governance Board at DLG* Kaz Nru 477-Dokumenti li jridu jitqassmu lill-Membri kollha tal-Kunsilli Lokali. Dawn id-dokumenti tqassmu lill-Kunsillieri kollha.

49/07/06 Korrispondenza dwar *Vote 16 at MOT* fuq Ambaxxaturi minn barra l-lokalita`.

49/07/07 Korrispondenza mill-*Majjistral Action Group - Call for operators for participation in Sardegna Festival 8th, 9th, 10th May 2014*. Din ser tiġi reklamata fil-lokalita'.

49/07/08 Korrispondenza mil-*Parliamentary Secretary for Culture and Local Government* Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014 Memo 25/2013. Is-Sindku attenda għal din l-attivita' fejn il-Kunsill inghata €2000 għall-attivita' tal-Milkfest.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


49/07/09 Korrispondenza mill-WSC dwar Rimi ta' drenagg f' tappiera fi Triq il-Gnien. Il-Kunsill ġie infurmat li l-azzjoni neċessarja ttieħdet.

49/07/10 Korrispondenza mill-*MEUSAC* dwar Erasmus+ *Youth Exchanges*. Il-Kunsillier Fenech flimkien mas-Sotto Kumitat taz-zgħazagħ attendew l-ewwel laqgħa fejn urew l-interess li jissottomettu applikazzjoni flimkien ma *group* ieħor.

49/07/11 Korrispondenza dwar Laqgħat mal-Kunsilli Lokali Malta u Għawdex mal-Pulizija. Din ġiet innotata.

49/07/12 Korrispondenza *Funding at MEUSAC* - Fondi tal-UE: Skambji Bejn Gruppi ta' zgħazagħ LCA Cirkulari AKL Cirk 13/2014-Skema. Din ġiet innotata.

49/07/13 Korrispondenza mis-Segretarjar Parlamentari għall-kultura u Gvern Lokali dwar Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali ġiet innotata. Is-Sindku informa li hu attenda għall-laqgħa ta' konsultazzjoni.

49/07/14 Korrispondenza mid-DGL fejn ikkonfermaw li rċevew l-*Unaudited Accounts.*

49/07/15 Korrispondenza dwar Tismija ta' Zoni fir-raħal.

49/07/16 Korrispondenza dwar il-Kartanzjan il-ġdida.

49/07/17 Korrispondenza dwar *Accessibility Award*. Il-Kunsill unanimament approva li jipparteċipa u s-SE intalbet tapplika għal dan *award* u tinkludi li l-Kunsill beħsiebu jtejjeb l-accessibilta' għall-uffiċċju tal-Kunsill bl-installazzjoni ta' *lifter*.

**49/08 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

49/08/01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*lift* tal-Kunsill għadu bil-ħsara. Is-SE intalbet biex ġġib stimi mill-kumpaniji oħra jekk ikun hemm bżonn. Is-SE għandha tieħu ħsieb li dan jissewwa kemm jista' jkun malajr.

49/08/02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bżonn jinxtraw *filing cupboards* għall-uffiċċju amministrattiv u *software* għall-komputer. Il-Kunsill unanimament approva li jinġabru l-istimi.

49/08/03 Is-Sindku nforma li l-poloz tas-sigurta' tal-Kunsill dalwaqt ser jiskadu. {ie unanimament deċiż li s-SE tiċċekkja jew il-poloz eżistenti jistgħu jiġġeddu u jekk le għandha tinħareġ sejħa ġdida sabiex jinġabru stimi.

49/08/04 Ġew ippreżentati d-*draft Financial Statements* għas-sena 2013. Dawn ġew approvati unanimament u *soft copy* ta' dawn il-*Financial Statements* għandha tintbagħat lill-Kunsillieri.

49/08/05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa flimkien mas-SE iltaqgħu mal-*Battlefront Group*. Dawn infurmawna li mhux ser jibqgħu jiftħu x-xelter kull xahar peress li issa naqset ħafna l-attendenza imma ser jibdew jiftħu kull tlett xhur. Dan ser jinfetaħ nhar il-Ħadd, 23 ta' Marzu u l-Grupp qed jipproponi li jtellgħa attivita' akbar mifruxa fuq ġurnata fejn

fost l-oħrajn ikunu hawn *re-enactments* u wirja ta' vetturi militari eċċ. Il-Kunsill unanimament approva li dawn is-suġġerimenti u ġie deċiż li tinkera l-bitħa tal-Oratorju sabiex fiha tittellgħa l-wirja kif ukoll jintużaw l-akwati tal-Oratorju u tal-Pjazza.

49/08/06 Ġie deċiż li jitnaddfu l-bjut tas-*Searchlight Battery*. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

49/08/07 Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li meta s-Sotto Kumitat Żgħazagħ iltaqa' ma rappreżentanta tal-*MEUSAC* is-SE ma attenditx għal din il-laqgħa għaliex inqabdet f'appuntament ieħor. Waqt il-laqgħa hu intalab mill-MEUSAC sabiex jgħatu d-dettalji ta' *contact person* kif ukoll tintbagħat *email* urġenti u hu kien inkariga lis-Segretarju tas-Sotto Kumitat sabiex jieħu ħsieb din l-*email*. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li suppost qabel inbagħatet l-*email* kellhu jiġi infurmat il-Kunsill u din l-*email* suppost inbagħtet mis-SE. Is-Sindku qabel li l-korrispondenza suppost ħarġet mis-SE kif ukoll informa lis-SE li ladarba l-appuntament mal-*MEUSEC* kienet għamlithu hi kellha tiżgura li tkun preżenti għall-laqgħa. Ġie deċiż li minn issa l-quddiem is-SE ser tassumi r-responsabbilta' tal-inizzjattiva tal-*youth exchange*. Il-Kunsill Fenech informa li hu diġa' bgħat il-korrispondenza lis-SE.

49/08/08 Il-Kunsillier Fenech nforma lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ marru għand il-*Creche* fejn ippreżentaw id-Donazzjoni ta' €300 li nġabret waqt l-attivita' tal-Milied fil-Pjazza. Hu ppreżenta kopja tal-irċevuta. Kopja tal-irċevuta twaħħlet ukoll fuq in-*Notice Boards*.

49/08/09 Il-Kunsillier Alfred Muscat issuġġerixxa li tinxtara tvalja tal-plastic għall-imwejjed tas-Sala tal-Kommunita' Il-Kunsill unanimament approva dan is-suġġeriment.

49/08/10 Peress li kienu qorbu sabiex jgħaddu tlett siegħat minn x'ħin bdiet il-laqgħa l-Kunsillier Galea ippropona li l-laqgħa tkompli sabiex jiġu ezawriti l-*items* fuq l-*Agenda*. Dan ġie approvat mill-Kunsill.

49/08/11 Il-Kunsill approva unanimament ix-xiri tal-*istationary* li ser tintuża mill-*Adventure Group* fl-uffiċċju l-qadim tal-Kunsill. Dan il-*Group* issa qiegħed taħt il-ħarsien tas-Sinj Dolores Borg peress li ex-Kunsillier Pio Fenech ma jistax jibqa' jieħu ħsieb dan il-*Group*.

49/08/12 Il-Kunsillier Muscat informa lill-Kunsill li ftit ilu ġie l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex iressaq ilment li kien irċieva mingħand resident u waqt li kien fl-uffiċċju daħal id-*drive*r tal-*iscammel*. Is-SE talbet lill-ħaddiema u lill-Kunsillier Muscat sabiex joħorgu mill-uffiċċju ħalli hi tkellem mad-*driver*. Il-Kunsillier Muscat qal li huwa ħassu offiż u ma jistax jifhem għalfejn kellhu joħroġ il-barra mill-uffiċċju meta lanqas id-*driver* ma talab li għandu jsir hekk. Fuq kollox huwa Kunsillier u l-ġbir tal-iskart hu kuntratt tal-Kunsill.
Is-SE sostniet li hija talbet bil-prudenza lill-kulħadd biex joħorġu mill-uffiċċju u dan ikkonfermah l-istess Kunsillier. Diversi Kunsillieri qalu li fil-fehma tagħhom ma kienx hemm għalfejn li l-ħaddiema u l-Kunsillier Muscat jintalbu li joħorġu mill-uffiċċju f'din iċ-ċirkustanza.

49/08/13 Waqt li rega beda jitkellem il-Kunsillier Muscat, il-ħin kien 9.22 pm, s-SE infurmat li hija ma setgħetx toqgħod iżjed fil-laqgħa. Il-Viċi Sindku nforma lis-SE li ftit ieħor baqa'

sabiex tispiċċa l-laqgħa madwar 5 minuti. Is-SE qamet bil-wieqfa u tablet li tiġi skużata għax ma setgħetx toqgħod iżjed filwaqt li bdiet tiġbor l-affarijiet tagħha. Is-Sindku nforma lis-SE li baqa' verament ftit ieħor u ma setgħetx taqbad u titlaq il-barra mill-laqgħa imma s-SE baqgħet sejra l-barra mis-Sala tal-Laqgħa. Il-ħin kien 9.25pm. Peress li ma kienx hemm SE il-laqgħa tal-Kunsill kellha tieqaf ħesrem.'

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **17 ta' Marzu 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |